# It-Tramm

minn Ivan Bugeja



It-tramm, mezz ta' trasport li llum m'għadux magħna u li kważi kważi lanqas biss il-memorji tiegħu m'għadhom jeżistu, għajr għal numru żgħir ta' ritratti u xi rikordji oħra. It-tramm kellu konnessjoni kbira mal-Hamrun u ma' Triq il-Kbira San Ġużepp, iżda dwar dan nitkellmu aktar `il quddiem waqt dan ir-rakkont qasir.

Il-*Malta Tramways* kienet imwaqqfa mill-Kumpanija tal-Inġinerija Macartney, McElroy & Co. Ltd. tal-Ingilterra nhar it-2 ta' Lulju tal-1903, wara kuntratt li sar bejn ir-rappreżentanti tal-kumpanija Joseph McElroy, John Francis Macartney u l-Gvern Malti. Is-sena ta' wara mbagħad inbdew ix-xogħlijiet neċessarji tal-infrastruttura, fosthom dawk tal-linji tat-toroq u tal-istazzjon tal-Belt Valletta. Magħhom inbniet ukoll *power station* żgħira f'Xatt il-Mollijiet fil-Marsa sabiex tiġġenera l-elettriku meħtieġ għall-operat tas-sistema. Is-servizz tat-tramm kien inawgurat nhar it-23 ta' Frar tal-1905 mill-Gvernatur ta' Malta, il-Ġeneral Sir Mansfield Clarke u dan baqa` sejjer sa Lulju tal-1908. Imbagħad minn hawnhekk il-quddiem it-tmexxija u l-operat tat-tramm għaddew f'idejn kumpanija ġdida, il-*Malta Tramways Limited.*



Tajjeb ngħidu li matul is-snin il-kumpanija Macartney, McElroy & Co. Ltd. bniet sistemi sħaħ ta' linji tat-tramm f'numru kbir t'ibliet fosthom fl-Ingilterra, fl-Amerika ta' Fuq u anki fl-Afrika t'Isfel. Xogħlha kien li tibni l-infrastruttura, tara li kollox kien miexi sew, imbagħad tħalli l-operat f'idejn min kien se jkun responsabbli mis-servizz. Iżda f'Malta huma m'għamlux hekk u minflok komplew iħaddmu s-servizz huma stess għal diversi snin.

Is-servizz tat-tramm kien jitlaq mill-Belt Valletta lejn tliet rotot differenti, dak li jgħaddi mill-Ħamrun u jkompli sa Birkirkara, dak li mill-Belt kien imur lejn Blata l-Bajda, għaċ-Ċimiterju tal-Addolorata, Raħal Ġdid, Bormla u l-Birgu u fl-aħħarnett dak li mill-Ħamrun kien jibqa` sejjer lejn Ħal Qormi u Ħaż Żebbuġ. Jingħad illi matul is-snin kien sar ukoll tentattiv sabiex issir linja lejn Tas-Sliema u San Ġiljan, iżda din qatt ma kienet approvata mill-Gvern u għalhekk ma saret qatt. Il-linja tal-Kottonera kellha l-istazzjon tagħha f'Għajn Dwieli u kienet rotta b'ħafna tlajja, bl-aktar waħda diffiċli kienet propja t-telgħa ta' Kordin. Min-naħa l-oħra r-rotta ta' Ħaż Żebbuġ kienet l-aktar waħda li tellfet flus lill-kumpanija u dan għaliex għal ħin twil hi kienet tgħaddi mill-kampanja. Tajjeb ngħidu wkoll illi l-istazzjon ta' Birkirkara kien l-aktar wieħed attrezzat u miżmum tajjeb. Hu kien jinsab ftit passi biss `il bogħod mill-istazzjon tal-ferrovija tal-istess lokalita`.

Il-*Malta Tramways Limited* b'kollox kellha flotta ta' tnejn u tletin tramm, b'sittax minnhom kienu tat-tip *double-decker*. Dawn kellhom il-parti ta' fuq mingħajr saqaf, bla twieqi u bibien. Għaldaqstant il-passiġġieri kellhom ta' kuljum iħabbtu wiċċhom mal-elementi



KIF JAĦDEM IT-TRAMM

tan-natura fosthom max-xita u mar-riħ. Barra minn hekk, il-kumpanija kellha wkoll għaxar trammijiet tat-tip *toastracks* li bħala karatteristika ewlenija kellhom l-ispazju ta' bejn il-bankijiet b'qies wieħed u l-wisa` tal-kurutur kemmxejn dejqa. Bejn wieħed u ieħor kull tramm kien iġorru madwar tmintax-il passiġġier fis-sular ta' fuq u xi għoxrin oħra isfel. L-aċċess għal fuq kien minn garigor żgħir li kien hemm fil-parti ta' wara



tat-tramm. Barra minn hekk il-kumpanija kellha wkoll żewġ *sprinkler cars* li bihom kienu jnaddfu l-linji, bl-ilma għalihom jinġieb minn sistema ta' pajpijiet li l-kumpanija kellha fl-istazzjoni ta' Porta Reale tal-Belt Valletta. Uħud mit-trammijiet kellhom il-kliem *Malta Tramways* miktuba fuqhom, filwaqt li oħrajn kellhom saħansitra reklami ta' prodotti fosthom tal-whisky, tal-birra u anki tas-sapun.

Is-servizz tat-tramm kien wieħed ekonomiku ħafna u dan għaliex hu kien jaħdem permezz tal-elettriku li kien għaddej minn ġol-linji li kienu mdendla fit-toroq. L-elettriku kien jgħaddi għall-magna tat-tramm permezz ta' *trolley-pole* jew lasta li kienet miksija bil-faħam. Tajjeb ngħidu li meta l-faħam kien jinħaraq kollu t-tramm kien jieqaf ħesrem jew inkella agħar minn hekk jibda jisparkja u jagħmel ħafna ħsejjes qishom tar-ragħad!! Sadanittant is-sewwieq tat-tramm kien joqgħod fuq pjattaforma apposta, bil-wieqfa fuq quddiem tat-tramm u b'idu tax-xellug kien jikkontrolla l-ammont tal-elettriku li kien ikollu bżonn. B'hekk hu kien ikollu kontroll fuq il-qawwa li t-tramm kien ikollha bżonn biex jimxi biha. Bl-id l-oħra mbagħad hu kien iżomm il-mekkaniżżmu li biha kien iwaqqaf lill-vettura. Hu




kien ikollu wkoll lasta tal-injam twila madwar 5 metri li biha kien jirranġa t-*trolley-poles* f'kas li dawn kienu jinqalgħu minn mal-linji tal-elettriku. It-tramm kellu wkoll qanpiena biex twissi lin-nies fit-triq li hu kien wasal fil-qrib u għalhekk ikun aħjar jekk iwarrbu min-nofs. Flimkien mas-sewwieq fuq it-tramm kien ikun hemm ukoll il-kunduttur sabiex ibigħ il-biljetti lill-passiġġieri. Il-veloċita\` li biha kien jimxi t-tramm kienet ta' madwar sittax-il kilometru fis-siegħa.




Matul is-snin tal-operat, il-kumpanija ltaqgħet ma' numru ta' problemi, fosthom dik tal-qtugħ tas-sistema tal-elettriku u li minħabba fiha t-tramm kien ikollu jieqaf mill-vjaġġ tiegħu. Ta' kuljum kien hemm ukoll problemi mas-sidien tal-karozzini li kienu qed jipprotestaw minħabba t-telf ta' flus proprju minħabba l-kompetizzjoni li kien ġab miegħu dan l-"imbierek" tramm. Biex tkompli tgħaqqad, l-istess sidien kienu pprotestaw minħabba l-ħsarat li r-roti tal-karozzini kienu qed iġarrbu minħabba l-linji tat-tramm li kienu tal-ħadid. Problema oħra kienet dik tas-serq tar-ramm aħmar minn fuq dawn it-trammijiet.
Fost il-poplu Malti s-servizz tat-tramm kien meqjus bħala mezz mill-aktar sigur, iżda matul is-snin kemm dam jopera l-inċidenti ma naqsux. Wieħed minnhom seħħ ftit xhur wara l-inawgurazzjoni tas-servizz, sewwa sew nhar it-30 ta' Settembru tal-1905 meta tramm Nru. 4 ħareġ mil-linji waqt li kien nieżel min-niżla ta' Għajn Dwieli u kawża ta' dan kienu mietu erba\` persuni, fosthom is-sewwieq. Magħhom kien hemm ukoll numru ta' midruba. Imbagħad nhar l-20 ta' Lulju tal-1920 is-sewwieq tat-tramm tilef il-kontroll waqt li kien nieżel minn Kordin u dakinhar mara kienet maqtula u numru oħra spiċċaw midruba. F'kas ieħor wieħed mit-trammijiet ħa n-nar waqt li kien fil-Marsa, iżda fortunatament dakinhar ħadd ma ndarab.

Mas-snin is-servizz tat-tramm beda sejjer lura, l-aktar għaliex il-kumpanija ma kompletx tinvesti u tkabbar is-servizz u anki minħabba l-kompetizzjoni li kellu mill-ferrovija. Imbagħad mal-wasla tal-karozzi tal-linja, l-popolarita\` tas-servizz kompliet tonqos u dan wassal sabiex nhar il-15 ta' Diċembru tal-1929 is-servizz waqaf għal kollox.



Sfortunatament, l-uniku rikordju li aħna l-Ħamruniżi għandna llum, hu biss isem ta' triq li ssemmiet propju għat-tramm. Din tinsab fl-inħawi tal-parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni, ftit passi \`l bogħod mill-Kulleġġ San Ġorġ Preca. Ta' min jgħid ukoll illi fl-2004 il-Posta ta' Malta kienet ħarġet sett bolol biex tikkommemora s-servizz tat-tramm.

*Bibliografija:*
*The Malta Tramway and the Barracca Lift, Joseph Bonnici u Michael Cassar, 2011*
*Maltese History and Heritage, Vassallo Malta.com*
*Anecdotes from Malta u Tal-Handaq Nostalgia*
*Historical Pictures of Malta, Charles Bray*
*Wellington Tramway Heritage, Russell Jenkins*